MT

MT

MT

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.1.2009
KUMM(2009) 22 finali

ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT TA' EMENDA Nru 1
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2009

DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsima III – Il-Kummissjoni

(preżentata mill-Kummissjoni)

MT

MT

ABBOZZ PRELIMINARI TAL-BAĠIT TA' EMENDA Nru 1
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2009

DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsima III – Il-Kummissjoni

Wara li ġie kkunsidrat:

– it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 272 tiegħu,

– it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

– ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej[1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1525/2007[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-Abbozz Preliminari ta' Baġit ta' Emenda Nru 1 għall-baġit tal-2009.

---

1 ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
2 ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9.

WERREJ

1. Introduzzjoni 4

2. Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE 4

2.1. Ir-Rumanija: Għargħar 4

2.2. Finanzjament 5

TIBDILIET FID-DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ TAQSIMA B'TAQSIMA

It-tibdil fid-dikjarazzjoni tal-infiq taqsima b'taqsima jintbagħat separatament permezz tas-sistema SEI-BUD. Verżjoni bl-Ingliż tat-tibdil għad-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

1. INTRODUZZJONI

L-Abbozz Preliminari tal-Baġit ta' Emenda (APBE) Nru 1 għas-sena 2009 jkopri l-elementi li ġejjin:

– Mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE għal ammont ta' EUR 11,8 miljun fl-approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet b'relazzjoni mal-effetti tal-għargħar li laqtu lir-Rumanija.

– Tnaqqis korrispondenti fl-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ta' EUR 11.8 miljun mil-linja 13 03 16 (Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)-Konverġenza).

2. MOBILIZZAZZJONI TAL-FOND TA' SOLIDARJETÀ TAL-UE

2.1. Ir-Rumanija: Għargħar

F'Lulju 2008 parti pjuttost estensiva tar-Rumanija intlaqtet minn xita qawwija, li wasslet għal għargħar sever u żerżiq ta' ġebel minn ġnub l-għoljiet. Fl-iskadenza ta' 10 ġimgħat stipulata mill-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002[3], l-awtoritajiet Rumeni applikaw għal għajnuna finanzjarja mill-Fond ta' Solidarjetà ta' l-UE.

Il-Kummissjoni eżaminat bir-reqqa l-applikazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 u b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3 u 4 tiegħu. Fil-qosor, l-aktar elementi importanti tal-valutazzjoni huma dawn:

(1) L-applikazzjoni tressqet quddiem il-Kummissjoni fl-1 ta' Ottubru 2008, li kien fil-limitu preskritt ta' 10 ġimgħat wara li kienu rreġistrati l-ewwel ħsarat fl-24 ta' Lulju 2008.

(2) Id-diżastru huwa ta' oriġini naturali. L-awtoritajiet Rumeni stmaw li d-dannu dirett totali huwa ta' EUR 471.4 miljuni. Dan l-ammont jirrappreżenta madwar 83% tal-limitu normali għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà applikabbli għar-Rumanija ta' EUR 566.8 miljuni (jiġifieri 0.6% tad-DGN tar-Rumanija). Il-ħsara diretta totali hija l-bażi li fuqha jsir il-kalkolu tal-ammont ta' għajnuna finanzjarja. L-għajnuna finanzjarja tista' tintuża biss għal ħidmiet ta' emerġenza essenzjali kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament.

(3) Peress li l-ħsara totali tibqa' taħt il-limitu normali l-applikazzjoni hija bbażata fuq l-hekk imsejjaħ kriterju ta' "diżastru reġjonali straordinarju" stabbilit fl-Artikolu 2(2), is-subparagrafu finali tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002 li jistipula l-kundizzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà "taħt ċirkostanzi eċċezzjonali". Taħt dan il-kriterju, reġjun jista' eċċezzjonalment jibbenefika wkoll minn għajnuna mill-Fond fejn dan ikun affettwat minn diżastru straordinarju, prinċipalment wieħed naturali, li jaffettwa l-parti l-kbira tal-popolazzjoni tiegħu, u li jħalli riperkussjonijiet serji u li jdumu fuq il-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u fuq l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun.

---

[3] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 311 tal-14.11.2002, p. 3.

(4) L-applikazzjoni għandha x'taqsam ma' ħames kontej (Maramures, Suceava, Botosani, Iasi, Neamt) fil-parti tal-Grigal tar-Rumanija. Ir-reġjun milqut huwa żona kontigwa u koerenti b'popolazzjoni totali ta' aktar minn 3 miljun abitant. L-awtoritajiet Rumeni indikaw li l-parti l-kbira tal-popolazzjoni li tgħix f'din iż-żona kienet milquta. 241 muniċipalità b'popolazzjoni totali ta' 1.6 miljun abitant sofrew direttament mid-diżastru, bil-qerda parzjali jew totali ta' djar privati u uċuħ tar-raba agrikoli.

(5) L-awtoritajiet Rumeni ppreżentaw evidenza biex juru r-riperkussjonijiet serji u fit-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-istabbiltà ekonomika tar-reġjun milqut. Ġiet irrappurtata ħsara kbira fl-infrastruttura bażika, fl-agrikoltura, il-forestrija, il-bhejjem u d-djar privati. Filwaqt li l-ekonomija fir-reġjun milqut tistrieħ bil-kbir fuq is-settur agrikolu, l-għargħar kopra 39 214 ettaru ta' art agrikola u 240 ettaru ta' foresti. Sal-2009 m'hi mistennija l-ebda produzzjoni agrikola fl-inħawi milquta. Barra minn hekk, l-infrastruttura bażika sofriet ħsarat seji: total ta' 1,949 km ta' toroq għerqu, u 2,000 pont u 87.6 km ta' gnub tax-xmajjar u digi ġarrbu ħsarat totali. It-toroq milquta mill-għargħar fil-fruntiera tal-istat tar-Rumanija mal-Moldova u l-Ukrajna affettwaw b'mod konsiderevoli l-iskambju ekonomiku bejn ir-Rumanija u l-pajjiżi li jinsabu fit-Tramuntana u l-Grigal tal-Ewropa. Id-diżastru ħalla riperkussjonijiet tat-tul fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien fir-reġjun milqut, b'madwar 14 644 djar meqruda, infrastruttura bażika li se tibqa' għal żmien mhux disponibbli (ilma/enerġija), u infrastuttura ta' trasport li ġarrbet ħsarat serji li qed twassal għall-iżolament komplet ta' madwar 100 muniċipalità.

(6) L-ispiża għal ħidmiet ta' emerġenza essenzjali eliġibbli taħt l-Artikolu 3(2) tar-Regolament 2012/2002 ġiet stmata mill-awtoritajiet Rumeni li jlaħħaq EUR 390.8 miljun u ġie mqassam skont it-tipi differenti ta' ħidmiet. Il-parti l-kbira tal-operazzjoni għandha x'taqsam mar-restawr immedjat tat-trasport u l-infrastruttura tal-ilma biex jerġgħu jibdew jiffunzjonaw u t-twaqqif immedjat ta' infrastruttura preventiva għall-protezzjoni mill-għargħar. It-tipi ta' operazzjoni li se jiġu ffinanzjati mill-Fond se jiġu ddefiniti b'mod ċar fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni.

(7) L-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw li ma rċevew l-ebda finanzjament minn sorsi oħra ta'finanzjament tal-Komunità fiż-żmien tal-applikazzjoni.

(8) L-awtoritajiet Rumeni ddikjaraw ukoll li l-assikurazzjoni ma tkopri xejn mill-ħsara eliġibbli.

Għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, għalhekk, qed jiġi propost li l-applikazzjoni li saret mir-Rumanija relatata mal-għargħar f'Lulju tal-2008 tista' tiġi aċċettata bħala "diżastru reġjonali straordinarju" u li għandu jiġi użat il-Fond ta' Solidarjetà.

2.2. Finanzjament

Il-baġit totali annwali disponibbli għall-Fond ta' Solidarjetà huwa ta' EUR 1 biljun. Minħabba li s-solidarjetà kienet il-ġustifikazzjoni ċentrali għall-ħolqien tal-Fond, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-għajnuna mill-Fond għandha tkun progressiva. Dan ifisser li, skond prattika preċedenti, il-parti tal-ħsarat li taqbeż il-limitu (0.6 % tad-DGN jew EUR 3 biljun bil-prezzijiet ta' l-2002, liema minnhom ikun l-iżgħar ammont) għandha twassal għal intensità ta' għajnuna akbar minn ħsarat li jaslu sal-limitu. Ir-rata applikata fl-imgħoddi biex ikunu definiti l-allokazzjonijiet għal diżastri maġġuri hija ta' 2.5 % tal-ħsarat diretti totali taħt il-limitu għall-użu tal-Fond u 6 % 'l fuq mil-limitu. Għal diżastri reġjonali straordinarji r-rata hija ta'

2.5% tal-ħsara diretta totali. Il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata l-għajnuna tal-Fond ta' Solidarjetà kienet imfassla fir-Rapport Annwali tal-2002-2003 dwar il-Fond ta' Solidarjetà u aċċettata mill-Kunsill u mill-Parlament Ewropew.

Qed jiġi propost li jkunu applikati l-istess persentaġġi f'dan il-każ u li jingħataw l-ammonti ta' għajnuna li ġejjin:

(EUR)

	Ħsara diretta	Limitu	*Ammont ibbażat fuq 2.5 %*	*Ammont ibbażat fuq 6%*	**Ammont totali ta' l-għajnuna proposta**
Għargħar fir-Rumanija	471 415 101	566 845 000	11 785 377	-	11 785 377

Dan l-ammont ta' kumpens se jħalli mill-anqas 25% tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea disponibbli għall-allokazzjoni matul l-aħħar kwart tas-sena, kif mitlub mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) 2012/2002.

F'dan l-istadju bikri fis-sena tal-baġit huwa diffiċli li wieħed ibassar bl-eżatt fejn jista' jsir it-tqassim mill-ġdid. Madankollu, sabiex jiġi evitat il-bżonn ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet ġodda, qed jiġi propost li l-ammont ta' EUR 11.8 miljun ikun allokat mil-linja baġetarja 13 03 16 Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)-Konverġenza għal-linja baġetarja 13 06 01 biex ikopri l-ħtiġijiet korrispondenti li għandhom x'jaqsmu mal-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE. L-implimentazzjoni ta' linja 13 03 16 se tiġi ssorveljata mill-qrib matul is-sena baġetarja.

TABELLA FIL-QOSOR SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

Qafas finanzjarju Intestatura/sottointestatura	Qafas finanzjarju 2009		Baġit 2009		PDAB 1/2009		Baġit 2009 + PDAB 1/2009	
	CA	PA	CA	PA	CA	PA	CA	PA
1. TKABBIR SOSTENIBBLI								
1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjieg	11 272 000 000		11 768 997 000	11 024 385 513			11 768 997 000	11 024 385 513
1b. Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjieg	48 428 000 000		48 426 884 669	34 975 134 166		-11 785 377	48 426 884 669	34 963 348 789
Totali	**59 700 000 000**		**60 195 881 669**	**45 999 519 679**		**-11 785 377**	**60 195 881 669**	**45 987 734 302**
Marġni[4]			*4 118 331*				*4 118 331*	
2. PRESERVAZZJONI U ĠESTJONI TA' RIŻORSI NATURALI								
Li minnhom infiq relatat mas-suq u ħlasijiet diretti	46 679 000 000		41 131 356 325	41 083 823 325			41 131 356 325	41 083 823 325
Totali	**59 639 000 000**		**56 121 437 011**	**52 566 129 680**			**56 121 437 011**	**52 566 129 680**
Marġni			*3 517 562 989*				*3 517 562 989*	
3. ĊITTADINANZA, LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA								
3a. Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	872 000 000		863 925 000	617 440 000			863 925 000	617 440 000
3b. Ċittadinanza	651 000 000		650 963 000	678 960 000	+11 785 377	+11 785 377	662 748 377	690 745 377
Totali	**1 523 000 000**		**1 514 888 000**	**1 296 400 000**	**+11 785 377**	**+11 785 377**	**1 526 673 377**	**1 308 185 377**
Marġni[5]			*8 112 000*				*8 112 000*	
4. L-UE BĦALA ATTUR GLOBALI[6]	**7 440 000 000**		**8 103 930 360**	**8 324 169 158**			**8 103 930 360**	**8 324 169 158**
Marġni			*-419 930 360*				*-419 930 360*	
5. AMMINISTRAZZJONI[7]	**7 699 000 000**		**7 700 730 900**	**7 700 730 900**			**7 700 730 900**	**7 700 730 900**
Marġni			*76 269 100*				*76 269 100*	
6. KUMPENS	**210 000 000**		**209 112 912**	**209 112 912**			**209 112 912**	**209 112 912**
Marġni			*887 088*				*887 088*	
TOTAL	**136 211 000 000**	**123 858 000 000**	**133 845 980 852**	**116 096 062 329**	**+11 785 377**	**0**	**133 857 766 229**	**116 096 062 329**
Marġni			*3 187 019 148*	*8 083 937 671*			*3 187 019 148*	*8 083 937 671*

4 Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) m'huwiex inkluż fil-kalkolu tal-marġni taħt l-Intestatura 1a.

5 L-ammont tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (EUSF) ikun inserit apparti l-intestaturi relevanti kif previst mill-IIA tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139 tal-14.6.2006)

6 Il-marġni għall-2009 fl-intestatura 4 ma jinkludix l-approprjazzjonijiet relatati mar-Riżerva għal Għajnuna f'Emerġenza jew il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibbiltà.

7 Għall-kalkolu tal-marġini taħt il-limitu massimu ta' l-intestatura 5, ittieħed kont tan-nota (1) f'qiegħ il-paġna fil-qafas finanzjarju 2007-2013 għal somma ta' EUR 78 miljun mill-kontribuzzjonijiet tal-persunal għall-iskema tal-pensjoni.